Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 44/2018/1

**B.A.S. Ltd (appellanti)**

**Vs**

**Concorde International Freight Forwarders Limited (appellata)**

4 ta' Dicembru, 2018.

1. B'sentenza tat-13 ta' Gunju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqat l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-azzjoni kienet preskritta skont l-artikolu 32(1) tal-Kap. 486. Dan wara li b'rikors prezentat fis-26 ta' Frar, 2018 l-attrici harrket lill-konvenut u talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundannaha thallas is-somma ta' €13,921.64 danni li sofriet minhabba negligenza tal-konvenuta wara li kienet inkarigata mis-socjeta attrici biex iggorr merkanzija, u liema negligenza wasslet sabiex l-attrici titharrek u tinstab responsabbli ghad-danni fis-sentenza **AAK Grech Bros Ltd vs BAS Limited** (rikors 463/2015MCH) deciza fis-27 ta' Gunju, 2017.

2. B'rikors prezentat fl-20 ta' Gunju, 2018 l-attrici appellat mis-sentenza tal-ewwel qorti bl-aggravji jkun li l-artikolu 32 tal-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (Kap. 486) ma kienx japplika ghall-kaz in ezami, izda kien japplika l-artikolu 39(4).

3. Fit-3 ta' Lulju, 2018 il-konvenuta wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Mill-atti jirrizulta li b'sentenza tas-27 ta' Gunju, 2017 tal-Prim'Awla, l-attrici kienet kundannata thallas lil A.A.K. Grech Brothers Limited s-somma ta' €9,025 danni li sofriet minhabba li B.A.S. Ltd naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha li ggorr u tikkonsenja magna fiz-zmien li kien miftiehem (**A.A.K. Grech Bros Ltd vs B.A.S. Ltd**, Rikors 463/2015). Nuqqas li wassal li l-attrici f'dik il-kawza kellha tixtri magna identika ghall-ewwel wahda li kienet xtrat. F'dik is-sentenza l-qorti qalet li A.A.K. Grech Brothers Limited kienet inkarigat lil B.A.S. Ltd sabiex igorr l-oggett mill-Olanda għal Malta, u li l-kuntratt hu regolat bil-Konvenzjoni dwar the Contract for International Carriage of Goods by Road; *"Dana peress li mill-iskambju ta' korrispondenza esebita da parti tas-socjeta konvenuta, fid-diskussjonijiet ghal stima tal-kuntratt ta' garr mitlub mis-socjeta attrici, senjatament dik datata 10 ta' Lulju, 2014 (a fol. 105 tal-process), jinghad bl-aktar mod car li: 'Carriage of goods is subject to CMR conditions' ".*

5. Fatti rilevanti huma:

i. Il-magna kellha tasal f'Malta fl-ahhar ta' Lulju, 2014 u effettivament waslet f'Settembru, 2014;
ii. Il-kawza **A.A.K. Grech Brothers Limited vs B.A.S. Limited** (463/2015) kienet prezentata fil-15 ta' Mejju, 2015;
iii. Fil-5 ta' Mejju, 2016 il-kumpannija konvenuta kienet notifikata bi protest gudizzjarju li pprezentat il-kumpannija attrici, u fejn ghamlet riferenza ghall-kawza 463/2015. F'dak l-att nfurmatha li kienet qeghda zzommha responsabbli ghad-danni li tista' ssofri f'kaz li l-kawza 463/2015 tinqata' kontriha. Fil-kors ta' dik il-kawza ma jirrizultax li saret talba sabiex Concorde International Freight Forwarders Limited tissejjah fil-kawza;
iv. Il-kawza kienet deciza fis-27 ta' Gunju, 2017 u ma gietx appellata;
v. Fis-26 ta' Frar, 2018 l-attrici pprezentat il-kawza tal-lum u ntiza sabiex tirkupra l-flus li giet kundannata thallas lil A.A.K. Grech Brothers Limited;

6. Mill-atti jirriżulta li għal finijiet tal-ewwel eċċezzjoni hadd ma xehed.

7. Skont artikolu 32 tal-Kap. 486:

> *"1. The period of limitation for an action arising out of carriage under this Convention shall be one year. Nevertheless, in the case of wilful misconduct, or such default as in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct, the period of limitation shall be three years. The period of limitation shall begin to run:*
>
> *a) In the case of partial loss, damage or* ***delay in delivery, from the date of delivery****;*
> *b) In the case of total loss, from the thirtieth day after the expiry of the agreed time-limit or where there is no agreed time-limit from the sixtieth day from the date on which the goods were taken over by the carrier;*
> *c) In all other cases, on the expiry of a period of three months after the making of the contract of carriage. The day on which the period of limitation begins to run shall not be included in the period".*

8. Skont l-artikolu 39(4):

> *"The provisions of article 32 shall apply to* ***claims between carriers****. The period of limitation shall, however, begin to* ***run either on the date of the final judicial decision fixing the amount of compensation payable under the provisions of this Convention, or, if there is no such judicial decision, from the actual date of payment****".*

9. Mill-provi rrizulta li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti. Pero' m'huwiex car x'kienu l-kondizzjonijiet. Madankollu l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghall-imsemmija disposizzjonijiet. Pero' mbaghad qalet:

> *"Sabiex tghid jekk l-eccezzjoni tirrizultax inkellha le,* ***din il-Qorti trid tqis ukoll disposizzjonijiet ohra li jaghmlu parti mit-Titolu XXV tal-Kap. 16*** *li jitratta*

*fuq il-Preskrizzjoni u li fil-fehma taghha, fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jista' jkollhom rilevanza ghall-kwistjoni de qua".*

10. L-ewwel qorti ghamlet ukoll riferenza ghall-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-preskrizzjoni tiddekorri, minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata. Qalet li l-unici atti li ntbaghtu lis-socjeta konvenuta kienu l-protest gudizzjarju 14/2016 u l-ittra ufficjali 2858/17, meta l-azzjoni kienet diga' preskritta.

11. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-ewwel qorti. L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami. Il-garr li eventwalment wassal ghall-kawza 463/2015 kien regolat mill-Att dwar il-Garr Internazzjonali Stradali ta' Merkanzija. Il-Kap. 486 ma fih l-ebda disposizzjoni li jaghmel applikabbli ghalih id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 16).

12. L-ewwel qorti qalet:

> *"M'hemmx dubju li z-zmien imsemmi fl-artikolu 32 tal-Kap. 486 zgur li skada u li ma kien hemm l-ebda kitba bejn is-socjeta attrici w s-socjeta konvenuta qabel in-notifika tar-rikors promotur li seta' jinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni".*

Enfasizzat ukoll li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara.

13. Pero' fil-kaz in ezami, qabel is-sentenza tas-27 ta' Gunju 2017 l-attrici kienet ghadha ma sofrietx hsara. Li kieku l-attrici pproponiet il-kawza tal-lum fiz-zmien li kienet ghadha pendenti l-kawza **A.A.K Grech Brothers Limited vs B.A.S. Limited** (463/2015), f'dak l-istadju l-kawza ta' B.A.S. Ltd kienet tkun intempestiva. L-attrici harrket lill-konvenuta minhabba li bis-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2017 giet ikkundannata thallas id-danni lil A.A.K. Grech Brothers Limited fir-rigward ta' kuntratt ta' garr li sar bejniethom, u fir-rigward ta' liema B.A.S. Limited inkarigat lill-kumpannija konvenuta (Concorde) sabiex igorr il-merkanzija lejn Malta. Qabel inghatat is-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2017 u saret *res judicata*, l-attrici zgur li kienet ghadha ma sofrietx danni. Ghalhekk f'dak l-istadju l-azzjoni ma setghetx tigi pprezentata.

14. M'hemmx dubju li l-konvenuta kienet involuta fil-garr tal-merkanzija u b'din il-kawza l-attrici qeghda tipprova tigbor id-danni li kienet kundannata thallas lil A.A.K. Grech Brothers Limited. Il-qorti zzid li ma tista' ssib l-ebda raguni ghalfejn l-artikolu 39(4) tal-Konvenzjoni CMR ma japplikax. Il-kontendenti huma t-tnejn carriers. Fit-twegiba l-konvenuta argumentat:

> *"Illi l-Artikolu 32 tal-Kap. 486 japplika ghall-kazijiet bejn trasportaturi u ghaldaqstant huwa applikabbli ghal dan il-kaz odjern. Dan huwa ikkonfermat minn Artikolu 39(4) tal-Kap. 486 fejn jinghad li, 'The provisions of article 32 shall apply to claims between carriers'".*

15. B'dan ir-ragunament jidher li l-appellanti taccetta li l-partijiet f'din il-kawza kienu t-tnejn li huma trasportaturi. Imbaghad argumentat li sabiex japplika l-artikolu 39(4),

*"... irid ikun hemm decizjoni gudizzjarja, jew fin-nuqqas ta' dan, id-data ta' meta sar il-pagament, illi fil-kawza odjerna ma jezistux u ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud"*.

16. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-konvenut. Is-sentenza hi tal-Prim'Awla tas-27 ta' Gunju, 2017 fil-kawza 463/2015. Sentenza li ddeterminat il-kumpens li kellha thallas B.A.S. Limited lil A.A.K. Grech Brothers Limited. Fil-ktieb *International Carriage of Goods by Road: CMR* ta' Malcolm A. Clarke (pagna 137)[1], jinghad:

   *"The prupose of Article 39.4 was to give the carrier, who has paid compensation for loss, damage or delay caused by another carrier, a reasonable time in which to bring a recourse action. Commonly, a claim is not brought against a carrier until the end of the limitation period, and as it may well be unreasonable to expect the carrier to make a recourse claim within what remains of the period, the carrier is given more time by Article 39.4"*.

17. Il-qorti zzid li sabiex japplika l-artikolu 39(4) ma jirrizultax li kien hemm htiega li matul is-sena li tissemma fl-artikolu 32 tal-Konvenzjoni, l-attrici kellha tibghat att gudizzjarju lis-socjeta konvenuta.

18. Applikat dak li nghad hawn fuq, l-ewwel eccezzjoni kellha tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2018 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta.**

**Ir-Registratur ghandu jibghat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.

[1] Inform Law, Sitt Edizzjoni.